# 35 SENA ILU MINN LEONARDU AGIUS



Is-surmast George Martin

35 sena ilu indaqq għall-ewwel darba l-innu l-kbir lil San Leonardu kif insibuh aħna. Hu l-innu tal-banda, mużika ta' Surmast George Martin AM u LCM u kitba ta' Dun Frans Camilleri. Għal din l-okkazzjoni hu xieraq li niktbu xi ħaġa dwar dan il-maħbub Mro. G. Martin li kien surmast tal-banda San Leonardu ta' Ħal Kirkop. Is-surmast George Martin twieled fil-belt ta' l-Isla fit-2 ta' Marzu 1920. Sa minn ċkunitu kien iħobb il-mużika għalhekk meta kiber tgħallem il-mużika fil-każin tal-banda ta' l-Isla. Wara baqa' jistudja l-mużika sakemm ħa d-diploma.

Fl-1995 il-kumitat tal-każin San Leonardu stiednu biex jibda jgħallem il-mużika u jidderieġi il-banda. Mro. George Martin aċċetta l-istedina tal-kumitat, taħt id-direzzjoni tiegħu, il-banda mxiet 'il quddiem ħafna. F'dak iż-żmien il-kumitat kien qiegħed jaħseb għall-festi ċentinarji ta' l-1960. Għal din l-okkazzjoni l-kumitat ried jagħmel innu biex jibqa' tifkira' għalhekk inkariga lis-surmast Martin biex jikkomponi il-mużika u lil Dun Frans Camilleri biex jikteb il-kliem. Wara xi xhur dan l-innu intgħoġob u għahekk is-surmast Martin beda jikkunċentrah bil-banda San Leonardu. L-organista Angelo Spiteri jew kif jafuh ħafna Golin beda jlaqqa' kor tat-tfajliet id-dar tiegħu biex jitgħallmu l-kliem akkumpanjat bil-pjanu. Fi ftit ġranet dan l-innu intgħoġob u għalhekk, għall-ewwel darba, il-festa ta' San Leonardu ġiet trasferita ghall-ewwel Ħadd ta' Settembru 1960. Mal-kor ħadu sehem il-Baritanu Joe Bezzina u t-Tenur Joe Zammit Harrison. Jiena għadni nisma' lil John Spiteri jgħid, li dak iż-żmien kien segretarju tal-każin, li s-surmast Martin kien qal li kien San Leonardu li nebbħu biex ħareġ dak l-innu hekk sabiħ. Barra dan l-innu s-surmast kiteb l-innu tal-banda li għal din is-sena, il-banda San Leonardu, lejliet il-festa sejra tiftah il-programm bih. Is-surmast Martin ikkonpona diversi marċi li l-każin Santa Marija għal Banda Re George V ta' l-Imqabba.

Fil-karriera tiegħu is-surmast Martin kien Ass. Surmast ta' B'Kara, Surmast għall-Banda San Leonardu Ħal Kirkop, Surmast għal Banda Re George V ta' l-Imqabba, Surmast tal-Furjana għall-banda Vilhena u Surmast l-Isla għall-Banda Queen's Own. Kiteb il-fuq minn 80 marċ fosthom Bambina Vittorja l-Isla, Ave Marija u Santa Ceccilja li ndaqqet it-teatru Manoel.

Is-surmast Martin miet nhar il-25 ta' Frar 1991 fl-età ta' 71 sena. Is-surmast Martin miet iżda l-mużika tiegħu tibqa' ħajja ta' kull sena li tindaqq. Nirringrazzja lil membri tal-familja Martin li tawni l-informazzjoni meħtieġa dwar Mro. George Martin.

**Leonardu Agius**